# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

# IMHALLEF

# ONOR. TONI ABELA LL.D.

**Rikors numru 297/16TA**

**Perit Hector Zammit A & CE**

**vs**

**Mark Piscopo u Green Investments Limited**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tas-Soċjeta' konvenuta Green Investments Limited (is-Soċjeta' konvenuta rikorrenti) tas-7 ta' Settembru 2022.

Rat ir-risposta tal-Perit Hector Zammit (l-intimat Attur) tal-20 ta' Ottubru 2022.

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Rat li ir-rikors odjern tħalla' għal digriet fil-miftuħ għal-lum.

**Konsiderazjonijiet**

Dak li qiegħdha titlob is-soċjeta' konvenuta rikorrenti huwa li tissejjaħ fil-kawża l-Jesuit Youth Network li hija fondazzjoni ossija organiżazzjoni volontarja kostitwita permezz ta' att tan-Nutar Tonio Spiteri tat-30 ta' Mejju 2008.

Bi tweġiba għal dan ir-rikors, l-intimat Attur joġġezzjona fost oħrajn li din it-talba ma tistax tintlaqa' għaliex ir-rikorrenti konvenuta kienet taf bl-eżistenza ta' din l-għaqda qabel ma bdiet din il-Kawża. F'dan ir-rigward l-Attur għandu raġun li r-rikorrenti konvenuta kienet taf jew ta' l-inqas messha tkun taf. Dan għaliex fid-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali fl-ismijet, 'Il-Pulizija kontra Anthony Zahra et' ġie rapportat, li James Schembri xehed li din l-attivita' *"ġiet orġanizzata mill-Jesuit Youth Network"* (a' fol 131). Fil-kumpilazzjoni datata 19 ta' Luju 2016 dan il-fatt jissemma' wkoll (a' fol 170). Minn qari ta' din is-Sentenza, ċio nonostante li l-Jesuit Youth Network kien issemma', f'ebda ħin ma saret xi difiża li dawn kienu responsabbli għall-inċident. Li kien hemm difiża ta' din ix-xorta ċertament kienet tissemma' f'din is-sentenza. Għalkemm irid jingħad li difiża bħal din ma jfissirx li ma tistax xorta ssir f'din il-Kawża.

Il-Qorti ħasbet dwar il-fatt li l-kjamat in kawża mhux jintalab mill-Attur iżda minn wieħed mill-konvenuti. Jidher ukoll ċar, li dan qiegħed isir għaliex is-Soċjeta' rikorrenti konvenuta qed tħoss li għandha tkun din il-fondazzjoni li twieġeb għal dak li ġara. Iżda jrid ikun innotat, li sabiex ir-rikorrenti konvenuta tipprova li hi m'għandiex twieġeb għall-akkadut da parti tagħha, m'hemmx il-ħtieġa li din il-fondazzjoni tkun kjamata fil-Kawża, tenut kont ukoll, li minn meta seħħ l-inċident sal-lum diġa' iddekorrew aktar minn ħames snin.

Jekk qatt huwa l-każ, huwa l-Attur li jista' jkollu interess li jikkjamaha għaliex finalment huwa għandu l-interess li jesegwixxi s-Sentenza kontra l-persuna idoneja jew li ma jbatix iċ-ċaħda tat-talbiet tiegħu minħabba nuqqas ta' integrita' ta' ġudizzju. B'dana kollu fir-risposta tiegħu, l-Attur intimat qiegħed jopponi għat-talba odjerna għaliex jinsisti, li hija s-Soċjeta' rikorrenti konvenuta li għandha twieġeb għall-inċident inkwistjoni. Issa prova bħal din tista' ssir mingħajr ebda ħtieġa' li ssir il-kjamata in kawża kif mitluba.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq premessi din il-Qorti qed tiċħad it-talba tas-Soċjeta' rikorrenti konvenuta.

Spejjes riservati għal mal-ġudizzju finali.

**Illum, 16 ta' Diċembru 2024**

**Onor. Imħallef Toni Abela LL.D.**